



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Petizzjonijiet

12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1477/2009, ippreżentata minn Isabel González Yáñez, ta' nazzjonaliità Spanjola, f'isem il-'Plataforma Notta', dwar il-kejbils tal-elettriku b'vultaġġ għoli f'Orense, Galizja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tilmenta li l-kejbil tal-elettriku b'vultaġġ għoli bejn Trives, Viana do Bolo u Manzaneda mhuwiex konformi mal-prinċipju tal-prekawzjoni dwar ir-rad jazzjoni mhux jonizzanti billi jinsab qrib l-irħula u b'hekk jaffettwa s-saħħha pubblika. Barra minn hekk, dan il-kejbil tal-elettriku qed jaffettwa b'mod negattiv lill-foresti billi qed jinqatgħu kampjuni ta'siġar awtoktoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 25 Jannar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-petizzjoni

Skont il-petizzjonanta, il-kumpanija Spanjola tad-distribuzzjoni tal-elettriku (REE – Red Eléctrica Española), qed tippjana li tibni piluni ta' vultaġġ għoli (400 kV ċirkwit doppju) f'żoni residenzjali fil-provinċja ta' Ourense (Trives-Viana do bolo-Manzaneda) fil-Galicia. Hija tqis li l-kumpanija qed tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju ta' prekawzjoni fir-rigward tar-rad jazzjoni mhux jonizzanti u li lanqas mhi qed tikkonforma mad-distanzi minimi miż-żoni residenzjali. Il-petizzjonanta hija mħassba wkoll dwar siġar qodma li jistgħu jiġi affettwati mill-proġett.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Il-Kummissjoni hija konxja tal-kwistjoni mqajma f'din il-petizzjoni. Il-proġett ta' kejbils tal-elettriku ta' vultaġġ għoli, "Trives-Aparecida", fil-provinċji ta' Orense u Zamora, ġie approvat bir-Riżoluzzjoni tas-27 ta' April 2009, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti (B.O.E. Nru 116 tat-13 ta' Mejju 2009). Skont l-informazzjoni disponibbli, bir-Riżoluzzjoni tat-13 ta' April 2009, ġiet formulata dikjarazzjoni tal-impatt ambjentali. (B.O.E. Nru 107 tat-2 ta' Mejju 2009). Il-Kummissjoni studjat id-dikjarazzjoni ta' impatt ambjentali u hija tal-opinjoni li l-elementi ambjentali sinifikanti fiż-żona ġew meqjusa, b'referenza speċjali għas-Siti ta' Importanza Komunitarja (Macizo Central, ES1130002; Peña Trevinca, ES1130007; Riberas del río Tuela y affluentes, ES4190131; u Peña Maseira ES113008), il-habitats ta' interess Komunitarju u l-ispeċijiet ta' flora u fawna. Hija tqis ukoll l-aspetti msemmija mill-Plataforma Notta.

Fir-rigward tal-kontaminazzjoni elettromanjetika, il-politika Komunitarja attwali fdan il-qasam hija stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-limitazzjoni tal-esponiment tal-pubbliku ġenerali għal kampijiet elettromanjetiċi (0 Hz sa 300 GHz). Anke jekk din ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi prinċipji ġenerali u metodi pubbliċi ta' protezzjoni, huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu qafas fir-rigward tal-esponiment għal kampi elettromanjetiċi biex jipproteġu l-pubbliku. Għaldaqstant, billi m'hemmx regoli li jorbtu, l-ebda ksur mhu possibbli f'dan ir-rigward. Fl-aħħarnett, m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE fir-rigward tad-distanzi bejn il-proġetti u ż-żoni residenzjali.

Konklużjonijiet

Kif inhi s-sitwazzjoni, m'hemm l-ebda evidenza ta' ksur eventwali tal-liġi ambjentali tal-UE.